# *Terħa tal-Bizzilla tal-Ħarir f'San Lawrenz*

*Dr Consiglia Azzopardi M.Phil., Ph.D (Melit.)*



*Il-kantuniera, parti mill-bizzilla tat-terħa.*

L-istorja hija sabiħa daqskemm titgħallimha u tapprezzaha. Din is-sena, fil-Festa qed tintrama mill-ġdid terħa tal-altar maġġur li kien ilha mwarrba għal xi snin minħabba li l-bizzilla tagħha kienet bdiet titqatta'.

## *Mill-Arkivji*

L-aħjar informazzjoni dejjem insibuha fl-Arkivji tal-Parroċċa. Dawn huma reġistri fejn il-Kappillan, jew xi qassis inkarigat fil-parroċċa, jikteb kull ħaġa li jdaħħal jew jonfoq għall-knisja – dawn jissejħu *Conti Originali*. Kull tant żmien, aktarx meta kienet issir Żjara Pastorali mill-Isqof tad-Djoċesi, kien jintalab li jinkiteb inventarju tal-oġġetti kollha li huma propjetà tal-knisja – dawn jissejħu *Inventari*. Minn dawn il-kotba miktuba bl-idejn nieħdu ħafna tgħarif dwar il-ħidma li kienet tkun għaddejja fil-parroċċa bid-dati preċiżi bħal fi djarju.

Fir-reġistru li jġib l-isem *Inventario ossia Catalogo... fatto in Dicembre 1920*, f'paġna 29 hemm imniżżla lista ta' trieħi li kien hemm fil-knisja ta' San Lawrenz f'Diċembru 1920.

Fosthom, anzi mniżżla l-ewwel waħda, jiġifieri l-iżjed importanti, insibu:

> a. *Una Tovaglia di lino con merletto di seta (lavoro a mano) foderato in rosso per l'altare maggiore.*
>
> Terħa tal-għażel, bil-bizzilla tal-ħarir maħduma bl-idejn, u inforrata bl-aħmar biex tintrama fuq l-altar maġġur.

Din id-deskrizzjoni teħodna direttament lejn it-terħa li ġiet irrestawrata u li qed nerġgħu naraw armata fuq l-Altar ta' San Lawrenz.

## *Mill-Istorja*

Għalkemm l-Inventarju jġib id-data tas-sena 1920, hemm x'jindika li t-terħa nħadmet snin qabel, x'aktarx qabel l-1900. Dan jista' jiġi ppruvat kemm mill-istorja u kemm mid-disinn u mill-ħarir li bihom maħduma l-bizzilla.

Il-parroċċa ta' San Lawrenz inqatgħet mill-parroċċa tal-Viżitazzjoni tal-Għarb fl-1893, bl-ewwel Kappillan tagħha jkun Dun Salvatore Portelli (1864-1937), megħjun mill-Viċi-Parroku Dun Piju M. Portelli (1874-1967). Dawn il-qassisin kienu tnejn mill-ħamest aħwa saċerdoti tal-Familja



*Paġna 29 mill-Katalgu jew Inventarju tal-1920.*

Portelli, mill-Għarb, fosthom Dun Karm Portelli (l-Arċipriet tal-Għarb), Dun Ġużepp Portelli (ir-Rettur Ta' Pinu), u Dun Grezz Portelli (ir-Rettur tax-Xatt).

Din l-informazzjoni titfa' ħjiel fuq min seta' kien id-disinjatur ta' din it-terħa importanti. Nafu li fl-1893, Dun Ġużepp Diacono, qassis mir-Rabat u fundatur tas-Sorijiet Franġiskani tal-Istilla, kien fl-aqwa tiegħu fil-ħidma favur ix-xogħol tal-bizzilla. Kien għaddej b'ritmu mgħaġġel biex iwaqqaf skola għall-bniet fejn kien isir tagħlim minn nies imħarrġa sewwa, fil-*Casa Industriale* x-Xagħra, fejn dak iż-żmien hu kien il-Kappillan. Diacono kellu x'jaqsam ma' San Lawrenz, billi dan l-istess qassis u arkitett (*self-taught*) kien li ppjanta l-faċċata tal-knisja kif għadna narawha sal-lum. Faċċati ta' knejjes oħra li jixbhu lil dik ta' San Lawrenz, u li ddisinjahom Diacono wkoll, huma tal-knisja tal-Għasri, tal-Qala u tas-sorijiet Franġiskani tan-Nazzarenu fix-Xagħra.

## *Id-Disinn*

Fuq kollox nistgħu nikkonkludu li d-disinn ta' din it-terħa kien ta' Diacono minn ċerti karattri li kien dejjem idaħħal fid-disinni tiegħu. Hekk insibu simboli fil-forma ta' armi maħduma bit-tila fuq sfond tal-"Punt Ingliż", il-punt tal-bizzilla tipiku li jikkaratterizza b'mod speċjali lil Diacono. Fit-terħa hemm ħames simboli li jirripetu ruħhom; dawn huma:



*Simboli maħdumin fuq sfond tal-*Punt Ingliż
*u l-borduri maħdumin fuq il-*Punt tal-Balla.



1. il-*Pax* tal-Martri;
2. il-Fidi u t-Tama rrappreżentati bis-Salib u l-Ankra;
3. ir-rebħa tal-martirju ta' San Lawrenz irrappreżentata bil-Palma u t-tliet kuruni;
4. l-Imħabba rrappreżentata bir-raġġiera ħierġa minn Qalb (karattru ieħor assoċjat ma' Diacono);
5. il-martirju ta' San Lawrenz irrappreżentat bil-gradilja: simbolu fil-kantuniera mfassla u mhux miġmugħa. Dan tal-aħħar jikkonferma d-data u l-awtur tad-disinn bħala Diacono.

L-ispazju bejn is-simboli huwa mimli b'ripetizzjoni tal-weraq tad-dielja u l-għeneb fuq in-naħa ta' fuq, u ripetizzjoni taż-żbul u l-qamħ fuq in-naħa ta' isfel mal-bordura. Dawn huma maħduma fuq sfond tal-"Punti tal-Balla", li kien il-punt li jikkaratterizza l-bizzilli maħdumin għall-Knisja matul l-aħħar snin tas-seklu dsatax.

## *Mis-Sengħa tat-Teknika*

Jekk id-disinn jista' jitqies bħala wieħed mill-kapolavuri ta' Diacono, xejn inqas mhu kapulavur ix-xogħol taċ-ċombini ta' min ħadem il-bizzilla tal-ħarir, u l-ħjata fina ta' min ħiet il-bizzilla mas-satin aħmar li bih hi inforrata t-terħa. Għax kemm ix-xogħol tal-bizzilla bil-ħarir u kemm tal-ħjata bl-idejn, it-tnejn juru sengħa professjonali li tirrifletti finezza superjuri għal dak li setgħu kienu jafu jaħdmu – mingħajr ma kienu mgħallma – ix-xebbiet ta' dawn l-inħawi! Qed nitkellmu fuq 'xebbiet' għax kienu dawk il-bniet li jibqgħu ma jiżżewġux li kienu jiddedikaw ħajjithom għal dan ix-xogħol delikat tal-idejn, filwaqt li dawk li jiżżewġu kienu jkunu mħabbta bit-trobbija tat-tfal u kienu aktar mogħtija għall-insiġ u l-għażel tal-qoton.

Lanqas għandna nifhmu li kien hemm xi numru kbir ta' xebbiet mixħutin fuq xogħol tal-idejn delikat bħal dan, meta nafu li n-nisa ta' dawn l-inħawi kienu jaħdmu wkoll fir-raba' u jgħinu fit-trobbija tal-bhejjem. Il-biċċa l-kbira tan-nisa aktarx li kellhom idejhom ħorox u goffi għal dan ix-xogħol tal-ħarir, li kien jitqies bħala xogħol tas-'sinjuri', biex ma ngħidux tas-'sorijiet', imma dak iż-żmien is-sorijiet kienu għadhom fil-bidu tagħhom hawn Għawdex. Dan iwassalna biex naħsbu li jew kien hemm xi xebbiet li kienu jmorru jitgħallmu jaħdmu 'l barra minn San Lawrenz, aktarx ir-Rabat, jew kienu jiġu xi nies imħarrġa jgħallmu hawnhekk, jew kumbinazzjoni tat-tnejn.

Hu diffiċli li taqbad ħjiel ta' dak li ġara, billi dawn il-fatti ma nsibuhomx imniżżla f'dokumenti jew statistika ta' dak iż-żmien. Imma nafu b'avveniment interessanti li jitfa' dawl fuq kif xebbiet minn San Lawrenz setgħu tgħallmu jaħdmu b'mod professjonali.

## *Marija Saliba 'tal-Bdott' (1872-1954)*

Fil-ħarġa tal-*Korpus* 26 (2004), Leħen mill-Parroċċa tal-Għasri, Toni Calleja kiteb apprezzament ta' Marija Saliba f'għeluq il-ħamsin sena mill-mewt tagħha. Jgħid li "Marija twieldet l-Għasri nhar il-5 ta' Marzu 1872, bint Toni Saliba (tal-Bdott, mill-Għasri, 1836-1921) u Ġużeppa mwielda Portelli (tal-Ħaddied, mill-Għarb, 1841-1917), li kienet tiġi qariba tal-ħames qassisin, fosthom il-Kappillan ta' San Lawrenz. Ta' xi għaxar snin ittieħdet Franza f'kunvent tas-sorijiet biex tkun edukata mill-aħjar. L-arranġamenti meħtieġa twettqu minn Patri De Brincat, mill-Għarb, li kellu xi parentela magħha u kien Karmelitan fi Franza. Marija Saliba rritornat l-Għasri minn Franza meta kellha xi tmintax-il sena, jiġifieri madwar l-1890. Malli ġiet bdiet tgħallem il-ħjata, ir-rakkmu, u diversi xogħlijiet oħra tal-idejn lit-tfajliet u n-nisa Għasrin u oħrajn mill-irħula tal-qrib.

Marija kellha mħabba kbira lejn is-saċerdoti u baqgħet imsemmija bħala benefattriċi kbira tal-parroċċa tal-Għasri, kemm għax kienet taħdem b'xejn għall-knisja u kemm għax bi flusha tat biex tinbena l-knisja tal-Għasri. Meta nbeda x-xogħol tal-bini tal-knisja fl-1903, Marija kienet tqassam imħaded tal-bizzilla, iċ-ċombini, disinni, ħarir, u tiġbor il-bizzilla u tbigħha għall-knisja".

Dan it-tagħrif joqrob ħafna lejn iż-żmien tat-terħa li qed nitkellmu dwarha. Ma naħsibx li nkunu niżbaljaw jekk ngħidu li Marija Saliba, minn mindu ġiet lura minn Franza fl-1890, kienet tgħin ukoll lil qrabatha, l-Arċipriet tal-Għarb, il-Kappillan u l-Viċi fil-parroċċa l-ġdida ta' San Lawrenz. Lanqas ma nistagħġbu jekk xi xebbiet mill-Għarb u minn San Lawrenz kienu jmorru jitgħallmu l-Għasri għand Marija tal-Bdott. Fost dawn insemmi biss liz-zija tiegħi M'Teres Cini (taċ-Ċimbli, mill-Għarb, 1916-2003), li kienet taf tinseġ, taħdem il-bizzilla u tħit anki l-għonninel, taħdem is-suf u taħdem kollox pulit ħafna; li fuq kollox mingħandha tgħallimt jien. Bilkemm kont nemminha meta kienet tgħid li tgħallmet mill-Għasri! Ngħid għalija, illum inħossni kburija li anki jien ħadt



Luigia Grima, minn San Lawrenz,
tirrestawra l-bizzilla.

xi ftit mit-tagħlim ta' Marija tal-Bdott.

Dan l-aħħar, meta kont qed nirriċerka għal dan l-artiklu, ommi (Susanna Vella, mill-Għarb, 1921-) qaltli li tiftakar lin-neputijiet ta' Marija tal-Bdott, żewġ xebbiet, waħda minnhom Ġolina, li kienu jidħlu San Lawrenz bil-mixi biex jagħmlu l-faċendi lill-qassisin Portelli.

Meta tkunu qrajtu dan kollu dwar l-istorja tat-terħa li ġiet irrestawrata b'mod pulit u xjentifiku minn Luigia Grima (minn San Lawrenz), morru nhar il-Festa arawha armata fuq l-Altar ta' San Lawrenz biex tkunu tistgħu tapprezzaw xi ġmiel ta' bizzilla u x'sengħa kbira kellhom l-antenati tagħna. Fuq kollox nagħmel appell lit-tfajliet u lin-nisa tal-lum biex ma jkunux kuntenti li jafu jaħdmu biss xi ftit punti bażiċi tal-bizzilla, imma jkomplu jfittxu tagħlim avvanzat u professjonali f'dan il-qasam. Hekk il-kultura ta' dawn l-inħawi ta' Għawdex tkun aktar apprezzata, u b'ċertu patrijottiżmu tgħaddi għall-ġenerazzjonijiet żagħżugħa.

**Hajr:**
- lil Luigia Grima, minn San Lawrenz, għar-restawr tal-bizzilla;
- lis-Seminarista Michael Grima, minn San Lawrenz, għar-riċerka mill-Arkivji ta' San Lawrenz;
- lil Susanna Vella, mill-Għarb, għall-identifikazzjoni ta' Marija Saliba;
- lil Toni Calleja, mill-Għasri, għall-informazzjoni riċerkata fuq Marija Saliba;
- lil Consiglia Azzopardi għat-teżi tal-Ph.D., *Maltese Lace of the Nineteenth & Twentieth Centuries*.

## Raħal twelidi

*Lawrence Cauchi*

Raħal ċkejken fin-naħa tal-Punent
b'qalb kbira jixxennaq il-mument
sabiex jiċċelebra l-festa
tal-kbir Lorenzo tagħna.

Mit-tfulija sax-xjuħija
tgħallimna biex nimxu wara Lawrenzu,
ħalli aħna wkoll inkunu xempju
tal-akbar qaddejja ta' Alla.

O Kbir Lorenzo tagħna,
kemm aħna kburin bik!
Tgħinna nittamaw, biex fik
nilħqu l-għan għand Alla.

Għalhekk meta jasal l-għaxra ta' Awwissu
id-dinja kollha tiftakar fik,
imma b'mod speċjali aħna l-Lawrenzjani
nfaħħruk u ngħajtulek: "Viva l-Kbir!".



Il-Kumitat tal-Festa ta' San Lawrenz jixtieq jirringrazzja
lil *Kempinski Hotel San Lawrenz* tas-sapport tagħhom.

Kempinski Hotel
San Lawrenz

GOZO MALTA